MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-27 ta' April, 2007

Talba Numru. 1889/2004

**Malta Tourism Authority**

**Vs**

**Robert Forace u b'digriet tal-20 ta' Mejju, 2005 gew kjamati in kawza Edwin Bonello u Giorgio Visentini**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-awtorita' attrici talbet il-kundanna ghal risarciment ta' disa' mija tlieta u tmenin Lira Maltin u tmienja u hamsin centezmi (LM983.58) rapprezentanti arretrati ta' kontribuzzjonijiet dovuti skond il-ligi kif jirrizulta mid-dokument prezentat mat-talba.

Bl-ispejjez u imghaxijiet legali sal-jum tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut ingunt minn issa biex jidher ghas-subizzjoni.
Ra lli d'digret tal-20 ta' Mejju, 2005 gew kjamati in kawza Edwin Bonello u Girogio Visintini,

Ra r-risposta tal-konvenut Robert Forace fejn gie sollevat illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda ghal ragunijiet segwenti:

1) Preliminarjament il-konvenut mhuwiex il-legittimu kuntradittur peress illi ma tezisti ebda relazzjoni guridika bejn l-awtorita' attrici u l-konvenut;

2) L-ammont mhux dovut fil-fatt u fid-dritt stante illi l-konvenut ma kienx qed jopera u/jew jokkupa u/jew jigestixxi u ma kellux pussess tal-fond in kwistjoni u cioe' il-Crows Nest Restaurant ta' 141 Spinol Road, St Julian's.
Ghalhekk ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejn l-awtorita' attrici u l-konvenut u jekk huwa dovut xi ammont dan zgur mhux dovut mill-konvenut.

Bl-Ispejjez kontra l-awtorita' attrici.

Ra r-Risposta tal-konvenut kjamat in kawza Giorgio Visintini fejn gie sollevat illi l-eccipjent m'huwiex debitur tal-Awtorita' attrici u m'ghandu jaghti xejn lill-istess.

Illi l-eccipjent ittermina l-kirja tar-restaurant Crow's Nest fil-21 ta Dicembru, 2000 u b'konsegwenza kull ammont li jista' jirrizulta dovuta wara dina d-data certament mhijiex ir-responsabbilita' tal-eccipjent.
Ili minghajr pregudizzju jigi rilevat illi jekk hemm xi ammont li jista' jirrizulta dovut ghal xi perjodu qabel Dicembru, 2000 dan huwa preskritt ai termini tal-Artiklu 2156(f).

Salv eccezzjonijet ulterjuri permessi mill-Ligi.

Illi it-Tribunal jinnota lli-kjamat in kawza Edwin Bonello ma ntavolax risposta.

Sema x-xhieda ta' Charles Visanich u Robert Forace.

Ra d-dokumenti kollha ezebiti fl-Atti tal-kawza.

Ra r-Risposta tal-awtorita’ attrici ghar-rikors tal-kjamati in kawza.

Ikkunsidra:

Illi din il-kawza tirrigwarda nuqqas ta’ hlas ta’ kontribuzzjonijiet dovuti lil Malta Tourism Authority ghal ‘ *catering licence’* mahruga ghal Crow’s Nest Restaurant f’141 Trqi Spinola, San Giljan skond ir-regolamenti li jirregolaw l-awtorita’ attrici that il-Kap 409. Il-konvenut Robert Forace qieghed jghid illi huwa mhuwiex il-legittimu kuntradittur peress illi ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejn l-awtorita’ attrici u l-konvenut u *in oltre* l-ammont mhuwiex dovut peress illi huwa ma kienx jopera u/jew jokkupa u/jew jigestixxi l-fond Crow’s Nest Restaurant.

Il-kjamat in kawza Giorgio Visentini qajjem l-eccezzjoni kwinkwennali taht l-artiklu 2156 (f) tal Kap 16. Illi din il-kawza giet intavolata fill-11 ta’ Novembru, 2004 u l-kjamati in kawza gew notifikati bit-talba fil-gazzetta lokali fit-30 ta’ Jannar, 2006.

Illi skond ix-xhieda ta’ Charles Visanich, Robert Forace huwa il-bniedem registrat bhala detentur tal-licenzja tal-istabbiliment Crow’s Nest Restauarant, ta’ 141 Triq Spinola, San Giljan mall-Awtorita’ attrici. Illi skond ix-xhieda tal-ufficjal tal-Malta Tourism Authority huwa qal illi irrispettivament min kien qed jopera il-fond, il-licenzjatarju jibqa’ risponsabbli ghal kontribuzzjonijiet sakemm l-awtorita’ ma tigix avzata li hemm xi operatur iehor gdid. Ix-Xhud sostna illi l-Awtorita’ qatt ma kienet infurmata b’xi tibdil f’isem, kemm bhala operatur kif ukoll bhala licenzjatarju.
Illi l-unika persuna registrata mall-Malta Tourism Authority hija Robert Forace. Illi din l-Awtorita’ mhijiex a konoxenza ta’ operatur iehor u l-anqas ma hemm regstrat operatur iehor ghal Crow’s Nest Restaurant. Hadd ma jista’ jopera stabbiliment li jipprovdi l-ikel jekk kemm-il darba huwa ma japplikax qabel u igib il-licenzja mehtiega mill-Awtorita’.

Fix-xhieda tal-konvenut Robert Forace huwa kkonferma lli il-kontribuzzjonijiet lill-Awtorita’ attrici huma dovuti u li hu

baqa' l-porprjetarju tal-post. Izda jghid illi huwa kien ilu ma jopera mill-fond in kwistjoni ghall-ahhar ghaxar snin u ghahekk huwa m'ghandux jitqies bhala l-persuna responsabbli ghal hlas tal-arretrati ta' kontribuzzjonijiet.

Huwa jghid illi huwa baqa' d-detentur tal-licenzja tal-istabbiliment li jipprovdi l-ikel, ghax il-ligi kienet hekk u li ma kenx infurma lill-awtorita' attrici li kien hemm haddiehor jopera minfloku.

Illi fil-fehma tat-Tribunal gie ppruvat illi l-konvenut Forace huwa l-legittimu kuntradittur peress illi tezisti relazzjoni guridka bejn l-awtorita' attrici u l-konvenut bhala detentur tal-licenzja mahruga mill-istess awtorita' attrici.

Illi fir-rigward tal-konvenut kjamat in kawza Giorgio Visintini, ghalkemm huwa kien operatur f'xi zmien ta' Crow's Nest Restauarnt, il-licenzja qatt ma kienet mahruga f'ismu l-anqas ma informa lil-awtorita' attrici li kien operatur tal-Crow's Nest Restauarnt.

Illi inoltre, l-konvenut kjamat in kawza Visintini, qajjem l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni kwinkwennali ai termini tal-klawzola 2156 (f) .

Lli fil-konfront tal-kjamat in kawza Edwin Bonello, huwa gie notifikat bil-kawza bil-procedura ta' affissjoni u publikazzjoni skond il-ligi. Jidher illi l-kjamat in kawza Edwin Bonello baqa' kontumaci.

Illi dwar il-mertu ghalkemm il-konvenut Forace ma kienx l-operatur tal-Crow's Nest Restaurant ghall-ahhar ghaxar snin, il-licenzja baqghet fuq isem il-konvenut Robert Forace u l-Awtorita' qatt ma giet infurmata b'xi tibdil jew li l-istabbililment qieghed jigi operat minn xi haddiehor, id-detentur tal-licenzja baqa' l-istess persuna.

It-Tribunal huwa konvint illi l-bniedem responsabbli ghal arretrati tal-kontribuzzjonijiet lill-awtorita' attrici huwa l-bniedem fuq min inharget il-licenzja u fuq min ghadha tidher il-licenzja u cioe' f'isem il-konvenut Robert Forace, kemm il-kjamiti in kawza Bonello kif ukoll Visintini fic-

cirkostanzi ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi ghar-rigward l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali li qajjem il-kjamat in kawza Visintini, it-Tribunal huwa tal-fehma lli fic-cirkostanzi m'ghandux ghalfejn jiddelibera dwara.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' it-talbiet tal-awtorita' attrici, jiddikjara lli l-kjamati in kawza Giorgio Visintini u Edwin Bonello ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju, fil-waqt illi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut Forace u jikkundanah ihallas is-somma ta' disa' mija tlieta u tmenin Lira Maltin u tmienja u hamsin centezmi (LM983.58) bl-imghaxijiet mid-data tas-sentenza sal-pagamanet effettiv.

Spejjez a karigu tal-konvenut Robert Forace.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------